MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1099/2008

**Joseph u Eva konjuġi Farrugia**

**-vs-**

**Ramadan Mohammed Rashed**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta’ Novembru 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Billi ċirka sena u nofs ilu, l-atturi krew lill-konvenut il-fond Flat 25, Block B, St. Mary Flats, 110, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar versu l-kera ta’ Lm100 (illum €232.94) fix-xahar pagabbli fl-ewwel jum ta’ kull xahar bil-quddiem *oltre* li jħallas għall-konsum ta’ dawl u ilma;

2. Billi l-konvenut naqas li jħallas il-kera skadut fl-1 ta’ Mejju, Ġunju, Lulju, Awissu, Settembru u Ottubru 2008

ammontanti għal €1,397.62 kif ukoll naqas li jħallas għall-konsum tad-dawl u ilma tul il-perjodu kollu li ilu jokkupa l-fond li sa l-ahhar kont li rċevew l-atturi jammonta għal €1,815.93 total ta' Euro tlett elef mitejn u tlettax u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€3,213.55).

3. Billi f'kull każ, a tenur ta' l-Art. 1532 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), billi ma kienx hemm terminu tal-kiri stabbilit, il-kirja għandha titqies li kienet għal xahar u fis-6 ta' Awissu, 2006, il-konvenut ingħata l-kongedo;

Għaldaqstant l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti, bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a teuur ta' l-Art. 167 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-konvenut:

1. Iħallas lill-attur s-somma ta' €3,213.55 in kwantu għal €1,397.62 kera tal-fond Flat 25, Block B, St. Mary Flats, 110, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar għal perjodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru, 2008 u kwantu għal €1,815.93 għall-konsum ta' dawl u ilma mill-istess fond;

2. Jiżgombra mill-imemmi fond kemm għaliex huwa moruż fil-ħlas tal-kera u fil-ħlas tal-konsum ta' l-elettriku u ilma u kemm għaliex qiegħed jokkupa l-fond mingħajr ebda titolu legali.

Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorja tas-6 ta' Awissu 2008 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u dan *nonostante* l-fatt li ngħata l-opportunita' biex jagħmel dan u għalhekk huwa kontumaċi skond il-liġi;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' April 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti fil-kontumaċja tal-konvenut tilqa' t-talbiet attriċi billi:**

**1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' tliet elef, mitejn u tlettax-il Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€3,213.55);**

**2. Tikkundanna lill-konvenut jiżgombra mill-appartament imsemmi fir-rikors fi żmien tlett xhur.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------